**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Mejju 2022**

**Rik Gur nru : 113/2018AGV fl-ismijiet:**

**AD**

**Vs**

**TD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat tal-attur AD datat 7 ta' Mejju 2018 fejn bil-gurament tieghu jikkonferma :-**

1. Illi permezz tar-rikors ġuramentat promotur tiegħu l-esponent premetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tletin (30) ta' Mejju tas sena elfejn u tlieta (30.05.2003) u dan kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok ADI.

2. Illi kif jirrizulta mill-kopji tac-Certifikati tat-TweIid hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok AD2 u Dok AD3 rispettivament, minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, u cioe' R li twieled fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u S li twieldet fil-hmistax ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta [15.03.2006], u dunque ghadhom minuri.

3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba l-adulterju flagranti da parti tal-intimata li ilu ghaddej snin, fosthom incident partikolari meta wara cirka tlett snin wara li kienu mizzewgin, l-attur qabad lil martu fil-fatt ma' iehor li dak iz-zmien kellu biss sbatax-il sena.

4. Illi ormai, il-partijiet ilhom jghixu separatament mal-partners rispettivi taghhom ghal dawn l-ahhar hdax-il sena.

5. Illi l-intimata omm abbandunat ghal kollox mhux biss id-dar matrimonjali izda lit-tfal taghha ukoll u qatt ma uriet interess fit-trobbija taghhom, u dunque l-attur missier huwa unikament u esklussivament responsabbli ghalihom.

6. Illi tul dawn l-ahhar hdax-il sena, l-attur missier kellu per forza jrabbi z-zewgt itfal hu, minghajr ebda ghajnuna finanzjarja da parti tal-intimata omm, sia bhala manteniment pagabbli lill-attur missier ghal bzonnijiet ta' kuljum tat-tfal, u sia ghall-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni jew attivitajiet extra-kurrikulari tat-tfal.

7. Illi effettivament il-partijiet esploraw il-possibilita' ta' soluzzjoni bonarja, izda wara seduta wahda ta' medjazzjoni kellha per forza tinghalaq u dan minhabba n-nuqqas da parti tal-intimata omm li taccetta thallas xi forma ta' ekwiparazzjoni ta' manteniment u spejjez straordinarji adegwat ghat-tfal lill-attur missier ghal dawn l-ahhar hdax-il sena kif ukoll ghall-futur.

8. Illi l-attur missier dejjem ghamel minn kollox sabiex irabbi z-zewg ulied kif seta' u huwa lest li jkompli jrabbihom, izda jaf ben tajjeb illi l-intimata omm ghandha l-obbligu legali li tikkontribwixxi ghall-manteniment u spejjez straordinarji tat-tfal, sia dawk tal-passat, sia tal-prezent, u sia dawk tal-futur.

9. Illi l-attur kien awtorizzat sabiex jipprocedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) [digriet nru 637/18] in atti tal-ittra numru 219/18.

10. Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-attur.

**B. Ragunijiet ghat-Talbiet f'dawn il-proceduri**

I. ILLI l-proceduri prezenti qeghdin isiru sabiex tigi ddikjarata s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi rikonoxxuti fil-Ligi u jinghataw dawk il-provvedimenti kollha necessarji u ancillari ghall-istess separazzjoni personali bejn il-partijiet.

**C. Talbiet Attur**

GHALDAQSTANT, l-attur, in vista ta' dak fuq premess, jitlob lill-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

I. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi;

2. Tafda 1-kura u 1-kustodja tal-minuri R u S b'mod esklussiv f'idejn l-attur, salv l-access tal-konvenuta b'mod liberu;

3. Tillikwida somma adegwata rapprezentanti kumpens bhala manteniment taz-zewg ulied ghal dawn l-ahhar hdax (11)-il sena, inkluz z-zieda relattiva ghall-gholi tal-hajja;

4. Tordna lill-intimata omm thallas tali somma hekk likwidata lill-attur bhala kumpens ghall-manteniment taz-zewg ulied ghal dawn l-ahhar hdax (11)-il sena;

5. Tillikwida somma adegwata rapprezentanti ammont adegwat lill-attur bhala kumpens ghall-ispejjez straordinarji ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari taz-zewg ulied ghal dawn l-ahhar hdax (11)-il sena;

6. Tordna lill-intimata omm thallas tali somma hekk likwidata lill-attur bhala kumpens ghall-ispejjez straordinarji ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari taz-zewg ulied ghal dawn l-ahhar hdax (11)-il sena;

7. Tordna li c-childrens allowance u beneficcji ohra moghtija mill-Gvern ghandhom ikunu mghoddija lill-attur u li l-intimata ma jkollha ebda dritt fuqhom;

8. Tiddikjara li l-kontendenti ghandhom jikkontribwixxu f'sehem indaqs bejniethom versu l-ispejjez straordinarji tal-edukazzjoni, sahha u extra-kurrikulari tal-minuri;

9. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur retta alimentarja illi tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti ghal zewg minuri, tenut kont tal-mezzi tal-konvenuta u l-htigijiet tal-minuri u wara illi tapplika ukoll il-provvedimenti tal-ArtikoIu 3B(2)(a) u 54(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema retta alimentarja tigi mhallsa b'dawk il-modalitajiet opportuni, inkluz z-zieda relattiva ghall-gholi tal-hajja u l-mod li l-istess retta alimentarja tista' tawmenta minn zmien ghal zmien sal-eta' maggorenni u oltre sa l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jkunu ghadhom studenti fuq bazi full-time u ghalhekk ma jkunx ragonevolment possibbli ghalihom illi jmantnu lilhom nnifishom kif xieraq, u tordna illi tali manteniment jinqata' mill-paga jew introjtu iehor illi il-konvenuta jista' jkollha kull fejn tkun qed tahdem, jew minn kwalunkwe beneficcju illi I-istess konvenuta tkun intitolata ghalih, u jithallas direttament lill-attur;

10. Tillikwida u xxolji l-Komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet occurrendo bl-opera ta' perit nominandi;

11. Taqsam u tiddividi il-beni kollha appartenenti lill-Komunjoni tal-Akkwisti kif ukoll kwalunkwe beni ohra mizmuma in komun bejn il-partijiet, t’ zewg ishma illi, in segwitu ghat-talbiet precedenti, ma jkunux necessarjament ugwali, u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti;

12. Tordna illi l-fond u cioe' r-remissa li tinsab f'livell ta' basement sottoposta proprjeta' ta' terzi, li qedha fi Triq is-Serkin, il-Marsa, bl-isem 'Rock & Roll Stable', u li tappartjeni liz-zewg partijiet, tkun assenjata in toto lill-attur u dan bhala hlas u ekwiparazzjoni parzjali tal-manteniment u l-

ispejjez straordinarji li l-attrici naqqset milli thallas in vista tat-talbiet tlieta, erbgha, hamsa u sitta;

13. Tillikwida u tassenja lill-attur il-beni parafernali tieghu, u tordna lill-konvenuta sabiex tirritorna lill-attur il-beni kollha parafernali tieghu, jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz;

14. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

15. Tawtorizza lill-attur sabiex jirregistra l-eventwali Sentenza fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u leffetti kollha tal-Ligi.

BI-ispejjez kontra l-intimata, inkluz dawk tal-atti tal-medjazzjoni, illi tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Risposta ta' TD , datata 20 ta' Lulju 2018 fejn bil-gurament taghha eccepiet :-**

1. Illi riferibilment ghall- ewwel talba attrici, l-esponenti tiddikjara li qed taqbel li din l-Onorabbli Qorti, ghandha tippronunzja s-separazzjoni a mensa et thoro bejn il-kontendenti, izda l-esponenti toggezzjona bil-qawwa kollha, li s-separazzjoni tal-partijiet hija imputabbli lilha, izda kif ser jirrizulta ampjament mil-provi prodotti dan iz-zwieg ta' bejn il-partijiet, tkisser biss ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur u dan partikolarment minhabba eccessi, mohqrija, theddid , offizi gravi , abbandun da parti tieghu.

**2.** Illi riferibilmemt, ghat-tieni talba, attrici, din ghandna tigi michuda, u l-kura u l-kustodja tigi fdata lill-partijiet, konguntivament, b'dan li hemm qbil li l-minuri jirrisjedu mal-attur, bid-dritt ta' access favur l-esponenti.

**3.** Illi riferibilment ghat-tielet, raba' u l-hames talba u s-sitt talbiet attrici, qed tigi eccepita l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**4.** Illi riferibliment ghas-seba' talba , l-esponenti tiddikjara li mhux qed toggezzjona ghal-istess.

**5.** Illi riferibilment ghat-tmien talba tal-esponenti tiddikjara li mhux qed tipponi ghall-istess.

**6.** Illi riferribilment ghad-disa' talba, ma hemmx oggezzjoni dment li l-manteniment pagabbbli jkun jirrifletti u jiehu in konsiderazzjoni l-qaghda finanzjarja difficli tal- esponenti, kif ukoll tiehu in konsiderazzjoni, it-tnax-il talba attrici, in kwantu u ghal ekwiparazzjoni permess tal-assenjazzjoni ta' propjeta' taz-zewg partijiet.

**7.** Illi riferibilment, ghal ghaxar u hdax-il talba, l-esponenti tiddikjara li taqbel mal-istess.

**8.** Illi riferibbilmemt ghat-tnax-il talba attrici, l-esponenti qed tidikjara illi taqbel mal-istess, dment li jittiehed in konsiderazzjoni l-valur tas-suq tal-propjeta', mhux il-valur irrizorju kif prova jipproponi l-attur, fi stadju tal-bonarja ta' dawn il-proceduri.

**9.** Illi riferibbilment ghat-tlettax-il talba , l-esponenti taqbel dment li tkun applikata ghaz-zewg partijiet.

**10.** Illi riferibilment, ghall-erbatax u l-hmistax -il talba l-esponenti tiddikjara li taqbel mal-istess.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet ta' manteniment datata 11 ta' Novembru, 2019.

Rat ukoll is-sentenza tat-Tribunal Metropolitam ta' Prim'Istanza ta' Malta moghtija fil-31 ta' Mejju, 2019.[1]

Rat ukoll id-digriet ta' Ezekuttivita' moghti mill-Awla tat-Tribunal Metropolitan ta' Malta fit-3 ta' Lulju, 2019.[2]

**FATTI**

1. Il-partijiet ghamlu sena u nofs johorgu flimkien u ma jidhirx li kien hemm problemi, sakemm il-konvenuta kienet harget tqila. Il-familja taghha u in partikolari z-zija, li maghha kienet tghix, bdew jaghmlulha hafna pressjoni

[1] Dok. B anness man-nota tal-attur datata 18 ta' Novembru, 2020.
[2] Dok. C anness man-nota tal-attur datata 18 ta' Novembru, 2020.

sabiex tizzewweg. Dan huwa korroborat minn omm l-attur PD. Il-Kappillan ta' Hal Qormi, Dun Walter ma riedx jaccetta li jizzewwighom peress li kien konsapevoli li kien hemm hafna pressjoni da parti tal-familjari tal-konvenuta. Kien iz-ziju taghha li kkonvincih sabiex imexxu biz-zwieg. Iz-zwieg gie ccelebrat fit-30 ta' Mejju, 2003.

Fi zmien tlett xhur izzewwgu u ghal ftit ghexu ghand in-nanna materna tal-konvenuta, izda minhabba hafna tgergir, spiccaw li xtraw il-post taghhom. Omm l-attur PD tikkonferma li hi u r-ragel kienu taw Lm11, 000 lill-attur sabiex jixtru l-post u gieli kienet tghinu sabiex ihallas il-loan.

Fi zmien sena li zzewwgu, il-konvenuta regghet harget tqila u minn hawn l-attur beda jinduna li l-affarijiet ma kinux mixjin sew. Il-konvenuta kienet thalli lit-tifla minuri hafna ghand ommu sakemm it-tifel minuri kien ikun l-iskola. Kienet tghidlu li kienet tkun il-hanut t'ohtha. Anke meta twieled R, l-ewwel wild, kien ikun ghand in-nanna paterna hafna ghaliex il-konvenuta kienet tkun ix-xoghol u kienet tippreferi li jibqa' hemm hafna drabi anke billejl sabiex tkun tista' tistrieh u tmur ix-xoghol l-ghada. Skond omm l-attur peress li l-konvenuta kien ghad kellha dsatax-il sena ma kinitx ippreparata biex trabbi t-tfal. L-istess kien jigri bit-tifla minuri.

Kien hemm problemi mal-girien, peress li l-konvenuta qatt ma kienet tnaddaf il-komun meta kien imissha.

L-attur isemmi li bdew jiguh is-suspetti fil-konvenuta peress li kienet il-hin kollu ghassa tal-mobile taghha, sa anke kienet torqod bih u tahbih fil-qalziet ta' taht meta kienet tidhol torqod. Fil-fatt, l-attur ighid li kkonferma li l-konvenuta kienet tiltaqa' u tibghat messaggi lil certu AG

u dan wara li sab li kellha mobile iehor u darb'ohra sabhom id-dar prattikament gharwenin. Kien keccihom barra minn daru u dan kien cirka sentejn u nofs wara li zzewwgu. Il-konvenuta tammetti li kellha relazzjoni ma' G u ghalkemm kien habib tal-attur, dan tal-ahhar kien dejjem il-Marsa jilghab il-flus biz-zwiemel u dejjem kienet tkun wahedha u kien ghad kellha biss dsatax-il sena.

Il-konvenuta tinsisti li l-problemi li kellhom ma kinux kif stqarr l-attur, izda hu kien dejjem ihalliha wahedha u mohhu biex jonfoq il-flus fuq iz-zwiemel, jew jilghabhom il-Marsa. Qatt ma kien ikun id-dar u kien igib lil shabu u jhallihom hemmhekk u jekk kienu jaghtuha fastidju, kienet haga normali li peress li kienet ghadha zghira u ma kellix attenzjoni minghand ir-ragel, sabet lil haddiehor. Kienet ukoll tinkwieta ghax gieli sabet l-ecstasy id-dar.

Omm l-attur ikkonfermat ukoll li kienet tinnota li l-konvenuta kienet hafna drabi meta tkun ghandha tmur titkellem fuq it-telefon barra fil-parapett.

Wara dan, l-attur ighid li kien mar ighix ghand ommu flimkien mat-tfal u l-konvenuta kienet ghamlet zmien tghix ghand ohtha. Omm l-attur ikkonfermat dan ukoll. Illum ghandu partner u ghandu erbat itfal minghandha, izda uliedu minn dan iz-zwieg trabbew ghand in-nanna paterna u riedu jibqghu jghixu maghha meta mar ighix mal-partner tieghu.

Il-konvenut isostni li qatt ma abbanduna lit-tfal u ha hsieb il-bzonnijiet taghhom mill-hwejjeg, ghall-ikel, ghal-edukazzjoni u s-sahha, kif ukoll kien ikopri l-ispejjes extra-kurrikulari.

Kien anke jsegwi lit-tfal minhabba li ghandhom ADHD u kellhom bzonn ta' play therapist kif ukoll LSA ghall-iskola. Kien jehodhom ukoll il-learning centre l-Hamrun, fejn ghadha tattendi biss it-tifla minuri. Kien ikollu hafna problemi bit-tfal minhabba tantrums li kien ikollhom.

Johrogu u jsiefru hafna bhala familja u ghandu kuntatt kuljum ma' uliedu.

Il-konvenuta abbandunat lil uliedha u lanqas qatt ma kien hemm ghalihom u lanqas qatt ma kkontribwit ghat-trobbija taghhom. Lit-tifel bil-kemm tkellmu u t-tifla tiehu ghaliha ghax il-konvenuta kellha tifla ohra minn relazzjoni ohra u turi li hemm preferenzi ghat-tifla l-ohra.

Dwar l-access l-attur kien ihallih liberu ghall-konvenuta, izda kienet tiltaqa' ma' uliedha ftit wisq. Prezentement jirrizulta li t-tifla minuri tara lill-konvenuta darba fil-gimgha jew kull hmistax. Il-konvenuta tghid li ma taghmilx iktar sforz biex tara lil uliedha peress li meta jiltaqghu jghajjruha u jinsulentawha.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Id-dar matrimonjali nbieghet u r-rikavat inqasam bejniethom wara li thallas il-loan tal-bank. Il-konvenuta tghid li l-post inbiegh ghall valur ta' €87, 000 u mill-bejgh kienet hadet biss €5, 000. Tinsisti li hi baqghet thallas il-loan.

Hemm ukoll remissa li l-attur qed jitlob li tigi assenjata lilu a saldu talli mmantna lil uliedu tul dawn is-snin kollha.[3]

Ighid ukoll li ghandu prelevament ta' Lm4, 000 (€9, 317.49) li tah missieru sabiex jixtri dina r-remissa, filwaqt li l-konvenuta ma kinitx harget xejn. Omm l-attur tikkonferma li kienu hallsuh dan l-ammont u dan kien fil-5 ta' Ottubru, 2005. Dan huwa nnegat mill-konvenuta.

L-attur jispjega li ghamel zmien twil ma setax jahdem sabiex jiehu hsieb it-tfal, specjalment minhabba li kien ikoll jitla' u jinzel ta' spiss mill-iskola peress li t-tfal kien jaqbadhom *tantrums*. Fil-fatt jikkonferma li kien ighix bir-relief.[4]

Kien mis-6 ta' Dicembru, 2017, li beda jahdem bhala self-employed, fejn l-introjtu tieghu jvarja.

Ighid li dam ma fetah proceduri kontra l-konvenuta minhabba problemi finanzjarji li kellu.

L-attur ipprezenta diversi cekkijiet li ma ssarfux u dawn kienu jirrapprezentaw il-manteniment li suppost kienet qed thallas il-konvenuta lill-attur.[5] Il-konvenuta tikkonferma li mhix f'posizzjoni li thallas il-manteniment ghax m'ghandhiex minn fejn. Il-paga taghha hija ta' €400 fix-xahar u ghandha €500 fix-xahar kera.

---

[3] Ara kuntratt DOk A man-nota pprezentata mill-attur.
[4] Dok. E anness mal-affidavit.
[5] Ara Doks. B- D fin-nota pprezentata mill-attur

Il-konvenuta tinsisti li l-attur jahdem fil-bini u ghandu n-nies jahdmu mieghu, meta qed isib skuzi u jghid li ma jistax jahdem ghax ghandu depression.

2. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha tlett kontjiiet bankjari li huma kongunti f'isem il-partijiet:-

i) Home loan account numru 40012863787 illum maghluq;[6]

ii) Home loan account numru 40012863813 illum maghluq;[7]

iii) Home loan account numru 40024134695 u dan huwa list account fejn gie trasferit il-bilanc tal-house loan li kien ta' €1924.38 u l-imghaxijiet kienu jammontaw ghal €972.55, li llum huwa maghluq.[8]

Ikkonfermat li l-kontijiet kienu maghluqin peress li thallsu kollha. Rigward l-ewwel loan tghid li dan thallas b'lump sum payment ta' €64, 268 fl-14 ta' Novembru, 2016 u dan thallas wara li sar kuntratt ta' bejgh u t-transfer kien sar mill-kont tal-avukat Dr. Charmaine Portelli.

3. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-konvenuta.[9] Izid ighid li skond ir-records taghhom, l-ahhar li hadmet kien fit-2 ta' Marzu, 2018 u lanqas mhi qiedgha tirregistra.

---

[6] Dok. JB1
[7] Dok. JB 2
[8] Dok. JB 3
[9] Dok. JS1

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur jishaq li l-konvenuta hija responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba li kkommettiet adulterju ma' habib tieghu u dan meta kienu ghadhom mizzewwgin cirka tlett snin.

Filwaqt li l-konvenuta tammetti li kellha relazzjoni ma' AG , thoss li donnu dan ghandu jigi gustifikat peress li l-attur kien mohhu biex imur il-Marsa fejn itellqu z-zwiemel u sabiex imur jilghab il-flus fuq it-tlielaq. Mill-provi jirrizulta li kien igiblha hafna hbieb id-dar u jitlaq u kienet tat wicc li min kien taha fastidju. Anzi l-konvenuta tipprova tiggustifika l-izball taghha li dak iz-zmien kien ghad kellha dsatax-il sena u kienet tad-demm u l-laham u jekk kemm il-darba zewgha ma tahiex wicc, sabet l-attenzjoni f'haddiehor.

Jekk kien hemm dawn in-nuqqasijiet egositici da parti tal-attur bla ebda mod jiggustifika li ghandha tfittex gost x'imkien iehor.

L-attur ressaq provi li kien sab diversi telefonati bejn il-konvenuta u Grixti, kif ukoll kien sabhom id-dar prattikament gharwenin, izda fuq kollox hemm l-ammissjoni tal-konvenuta stess. Dawn flimkien jissoddisfaw l-indizji u presunzjonijiet gravi rikjesti mil-ligi ghall-konferma tal-adulterju.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

***"… l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-***

***ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet "Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika". ("Rosina Micallef vs Angelo Micallef" Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".***

Il-konvenuta attribwit il-htija fuq l-attur minhabba eccessi, mohqrija, theddid, offizi gravi u abbandun, izda mill-provi bla ebda mod ma gew ippruvati dawn l-estremi.

**<u>KURA U KUSTODJA/MANTENIMENT</u>**

Minn mindu l-konvenuta kienet telqet mid-dar matrimonjali, l-attur rabba lit-tfal. Illum it-tifel maggorenni u t-tifla ghandha 16-il sena, Ilhom 'l fuq minn hdax-il sena ma jghixu m'ommhom.

Meta l-attur sar jaf li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' ragel iehor, kien telaq ighix ghand ommu flimkien ma' uliedu. Damu hemm tlett snin u meta telaq ighix mal-partner tieghu, li minnha ghandu hamest itfal ohra, uliedu kienu ddecidew li xtaqu jibqghu jghixu man-nanniet. L-attur ressaq provi sabiex juri li qatt ma abbanduna lil uliedu u segwihom ghal dak li jirrigwarda t-trobbija taghhom, l-edukazzjoni taghhom, kif ukoll sahhithom. It-tfal kellhom ukoll problemi ta' ADHD li kien jirrikjedi t-

terapija u dejjem hadhom u segwihom f'dan ir-rispett, tant li llum it-tifla minuri hija ferm ahjar u tattendi biss darbtejn fil-gimgha u qed taghmel progress l-iskola ukoll.

Gie ppruvat ukoll li l-attur ma tantx seta' jahdem ghax il-kundizzjoni tat-tfal, hafna drabi kien iwassalhom biex ikollhom tantrum u kien ikun irid jitla' ghalihom mill-iskola.

Tul is-snin ma tantx kien hemm kuntatt bejn il-konvenuta u uliedha. Mat-tifel, illum maggorenni ma tantx hemm kuntatt u mat-tifla minuri l-access jigi ezercitat jew darba fil-gimgha jew kull gimaghatejn. It-tifla minuri thoss li hemm hafna preferenzi da parti t'ommha ghat-tifla li kellha minn relazzjoni ohra.

Dina l-Qorti dejjem ghandha thares l-ewwel u qabel kollox l-interessi tat-tfal u jekk kemm il-darba ilhom dan iz-zmien kollu jghixu man-nanniet paterni u hemm stabilita' f'hajjithom b'kuntatt regolari mal-attur, ma thossx li ghandha tinterrompiha, partikolarment meta llum it-tifla minuri donnha bdiet tissetilja anke l-iskola.

Il-konvenuta tghid li llimitat l-access peress li kien hemm tghajjir u mgieba mhux xierqa fil-konfront taghha minn uliedha u li l-istess tifel, anke jekk trabba minn nanniet spicca l-habs ghal xi zmien.

Jidher li llum ghadda hafna zmien u ma nbnietx dik il-bond li kien jehtieg bejn il-konvenuta u uliedha. Mhux tard wisq sabiex dawn dejjem jahdmu fuq ir-relazzjoni ta' bejniethom, pero' li jsir tibdil fil-kura u kustodja f'dan l-istadju huwa totalment *counter-productive* li jwassal ghal iktar ribelljoni fit-tifla.

Ghalhekk ikun opportun li l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' fdata f'idejn l-attur.

## MANTENIMENT

### L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni

Il-konvenut qajjmet l-eccezzjoni li t-talba ghall-hlas ta' manteniment hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2123 (a) u (b) tal-Kodici Civili.

Huwa risaput li l-prekrizzjoni ma tghaddix fil-konfront bejn il-genitur u t-tifel/tifla u inoltre, il-Qorti taqbel ukoll ma' dak sottomess mill-attur li meta l-konvenut resqet l-eccezzjonijiet irrinunzjat tacitament ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fejn accettat li r-remissa ghandha tigi assenjata lill-attur bhala hlas u ekwiparazzjoni parzjali tal-manteniment.

Fis-sentenza **Sonia Borg vs Joseph Grima (Rik. Gur. 132/14 RGM)**[10] gie stabbilit li t-tfal minuri ghandhom dritt mil-ligi biex jitlobu l-manteniment minghand il-genitur debitur:-

***"Konformement mal-premess, il-Qorti tifhem illi, stabbilit li l-manteniment huwa dovut skont il-ligi lill-ulied, il-wild ghandu dritt azzjonabbli kontra l-genitur ghall-fornitura ta' manteniment u fejn il-manteniment jikkonsisti, f'kaz ta' firda bejn il-genituri, fi hlas ghall-manteniment, il-wild ghandu dritt li jezercita din l-azzjoni direttament kontra l-genitur li huwa obbligat ghal dan il-hlas.***

***Madanakollu, hawnhekk irid jittiehed qies tal-fatt illi ghalkemm hija l-attrici, omm l-ulied, li qed tezercita l-azzjoni ghall-hlas ghall-manteniment, dan qieghda taghmlu ghaliex skont l-Artikolu 781 tal-***

[10] Deciza 31 ta' Mejju, 2018

***Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-minuri m'humiex kapaci li joqghodu wahedhom f'kawza bhala atturi jew bhala konvenuti. Jirrizulta wkoll illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni, l-attrici ghandha d-dritt tippercepixxi hi stess il-hlas tal-manteniment dovut ghal ulied il-partijiet. Izda l-ftehim bejn il-partijiet li r-ricevitur tal-manteniment dovut lill-ulied ghandha tkun l-attrici, fil-fehma tal-Qorti ma jibdel u jnaqqas xejn mill-fatt illi l-manteniment mitlub mill-attrici huwa dovut lill-ulied tal-partijiet bhala dritt moghti lilhom mil-ligi. Dan id-dritt huwa azzjonabbli mill-ulied fil-konfront tal-genitur li huwa d-debitur tal-obbligazzjoni, u fil-kaz odjern huwa wkoll espressament moghti lill-attrici d-dritt ghall-azzjoni ghall-hlas tal-istess manteniment. »***

Wara li ezaminat bir-reqqa s-sottomissjonijiet tal-attur u wara li rat is-segwenti gurisprudenza, tichad dina l-eccezzjoni.

**<u>Manteniment</u>**

L-attur ammetta li dam dawn is-snin kollha sabiex jiftah dina l-kawza ta' separazzjoni u jitlob manteniment ghat-tfal peress li l-mezzi finanzjarji ma kinux jippermettulu. Sal-2017, l-attur kien ighix bil-beneficcji socjali fejn fis-sena 2017 ircieva €8, 556.78 u bihom ha hsieb l-ispejjes kolla relatati mal-minuri peress li l-konvenuta qatt minn jeddha ma kkontribwit lejn dawn l-ispejjes.

Imbaghad beda jahdem il-Freeport bhala self-employed u esebixxa l-FS 3's tas-sena 2018 minn fejn jirrizulta li l-introjtu tieghu jvarja skond ix-xoghol.[11]

[11] Doks. B u C anness man=nota tal-attur.

Sadanittant, mill-employment history li esebixxa Joseph Saliba, in rapprezentanza ta’ Jobsplus jirrizulta li tul dawn is-snin, il-konvenuta kellha hafna impjiegi differenti u ma tantx kienet iddum jew tittermina l-impjieg hi, jew tigi redundant jew giet imkeccija wara l-perjodu ta’ probation.

Fil-11 ta’ Novembru, 2019, dina l-Qorti ordnat lill-konvenuta sabiex thallas manteniment fis-somma ta’ €350 fix-xahar ghaz-zewgt ulied, kif ukoll ghal nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Il-konvenuta ghamlet zmien thallas, izda l-attur imbaghad ipprezenta diversi cekkijiet li ma setghux jigu msarrfa. Il-konvenuta tametti li ma komplitx thallas peress li bilkemm ghandha biex tghix hi u di piu’ ghandha thallas €500 kera meta l-introjtu taghha huwa ta’ €400. Inoltre, peress li ghandha tifla ta’ erba’ snin dan jimpediha li tmur tahdem ghax m’ghandha lil hadd biex tiehu hsiebha. Fil-fatt jirrizulta mill-employment history taghha li bejn l-2014 ma hadmitx u mbaghad fl-2018 hadmet mal-Methode Electronics Malta Ltd u fit-2 ta’ Marzu, 2018, irrizenjat mix-xoghol.

L-attur qieghed ukoll jippretendi li l-konvenuta ghandha thallas l-arretrati ta’ manteniment minn meta kkommettiet l-adulterju u cioe’ mis-sena 2006 sa meta hareg id-digriet ta’ manteniment fil-11 ta’ Novembru, 2019 li ghalhekk bl-ammont ta’ €350 fuq tlettax-il sena jwasslu ghall-ammont ta’ €54, 600.

Inoltre, qed jitlob li anke jekk illum it-tifel sar maggorenni u ma jistudjax, l-ammont ta’ manteniment ghat-tifla minuri ghandu jibqa’ l-istess u mhux jitnaqqas ghal €175, apparti li hemm nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

L-attur ipproduca provi li qed ibati minn depressjoni u ansjeta' u minhabba f'hekk kellu jieqaf jahdem u japplika ghall-beneficcju tal-mard.[12] Il-konvenuta tirribatti dawn il-provi u tghid li hija biss messa in xena peress li l-attur jahdem fil-bini, tant hu hekk li t-tifel jahdem maghhom. Dan sehh fil-mori tal-kawza, ghaliex meta inizzjalment xehed l-attur ikkonferma li kien qed jahdem *self-employed.*

Il-gurisprudenza nostrana dejjem enuncjat li hadd mill-genituri ma jista' jahrab mill-obbligazzjonijiet tieghu u dan jinkludi fih il-manteniment tal-ulied. Il-manteniment s'intendi jrid jigi ffissat skond l-introjtu tal-genitur li ghandu l-obbligu li jhallas il-manteniment.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha, jirrizulta li l-kontendenti t-tnejn waqfu mix-xoghol fil-mori tal-kawza u dina l-Qorti hija konvinta li dan sar appositament sabiex l-attur jircievi l-manteniment ghat-tifla minuri, filwaqt li l-konvenuta tittama li ma thallasx manteniment. Il-fatto sta, li l-konvenuta dejjem kellha l-kapacita' lavorativa ghax tul iz-zmien kellha diversi impjiegi. Ciononostante qatt ma hallset ebda manteniment ghall-uliedha u dak iz-zmien lanqas biss kellha tfal ohra. Illi jekk illum l-konvenuta ma tahdimx dan sar kapriccosament gialadarba rrizenjat mill-impjieg taghha u l-unika raguni li setghet taghti kienet minhabba li qed trabbi tifla ohra minn relazzjoni ohra.

Fis-sentenza **Martina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019 inghad hekk:-

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita' izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-***

***affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita' ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.***

Fis-sentenza **TC vs RM** deciza minn dina l-Qorti kif diversament ippreseduta fl-24 ta' Gunju, 2019, Rik. Nru 272/2018 gie ritenut illi:-

"***…il-Qorti dejjem irriteniet illi l-genituri ma jistghux jabdikaw mir-responsabbilita' taghhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu taghhom, Dejjem kienet tal-fehma illi kull genitur ghandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tieghu huma baxxi jew jinsab dizokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taccetta li persuna ggib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilita' taghhom fuq il-genitur l-iehor jew inkella fuq l-istat."***

Il-Qorti tapprezza li l-konvenuta qatt ma kellha introjtu sostanzjali u anke jekk hadmet, qatt ma kellha xi impjieg ta' barra minn hawn u hafna drabi x-xoghol kien fuq bazi part-time. Ghalhekk il-mezzi mhux ghax jippermettu, pero' l-obbligu jibqa' hemm. Tenut ukoll tal-fatt li t-tifla llum biss hjia intitolata ghall-manteniment, l-ammont li ghandu jithallas ghaliha huwa ta' €175 fix-xahar, kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u dan sakemm it-tifla ssir maggorenni u jekk tibqa' tistudja sakemm it-tifla taghlaq 23 sena.

Dwar l-arretrati ta' manteniment, dina l-Qorti ma tistax taqbel mal-attur li ghandu jigi applikat l-ammont ta' €350 u cioe' kemm suppost qed thallas il-konvenuta mis-sena 2006 sal-2019 meta hareg id-digriet. Primarjament, ma kienx fetah proceduri sabiex jitlob il-manteniment u anke jekk ma setax jaffordja seta' dejjem uzufruwixxa mis-servizzi tal-Ghajnuna Legali. Dan ma jfissirx bl-ebda mod li l-konvenuta ghandha tigi ezentata minn tali hlas, iktar

u iktar  meta jirrizulta mill-employment history taghha li dejjem hadmet, izda l-Qorti thoss li ghandha tillimita l-ammont ghal €250 fix-xahar, inkluz nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u dan mill-2006 sad-data tad-digriet u cioe' l-11 ta' Novembru, 2019 li jammontaw ghal €38, 750.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Huwa kkonfermat mill-partijiet li d-dar matrimonjali kienet inbieghet u mir-rikavat, kienu hallsu l-bank u kienu mbaghad qasmu r-rikavat bejniethom.

Hemm ukoll ir-remissa li tappartjeni ukoll lill-komunjoni tal-akkwisti u giet valutata bi prezz ta' €20, 000 mill-perit Godwin Abela. Il-konvenuta tinsisti li din mhix remissa izda huma stables ghaz-zwiemel tal-attur u minnha jista' jkollu negozju u qliegh u ghalhekk hija proprjeta' ta' certu valur.

Izda tenut kont li l-konvenuta qed tinzamm responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u tenut kont li l-konvenuta ghandha thallas l-arretrati ta' manteniment ghandu jigi nominat il-Perit sabiex jivvaluta l-istess fond u mill-istess valur ghandha tithallas is-somma ta' €9, 317.49 rapprezentanti s-self li sar  mill-genituri tal-attur. Jekk ikun ghad hemm bilanc, l-arretrati ta' manteniment ghandhom jigu mnaqqsa mill-valur tal-istess sa fejn jigi saldat. Ir-rimanenti bilanc jibqa' a kariga tal-konvenuta.

**Kontijiet bankarji u vetturi**

Peress li ghadda hafna zmien minn mindu l-partijiet kienu sseparat *de facto*, kulhadd ghandu jzomm il-kontijiet bankarji rispettivi, kif ukoll l-istess ghal kwalsiasi vetturi li tappartjeni lill-partijiet rispettivament.

**DECIDE**

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u dan minhabba li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici.
3. Tilqa' t-tielet talba attrici kif imfisser iktar 'l fuq u tinkludi ukoll z-zieda relattiva ghall-gholi tal-hajja.
4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna l-hlas ta' manteniment kif deciz iktar 'l fuq.
5. Tichad il-hames u sitt talba attrici.
6. Tilqa' s-seba' talba attrici.
7. Tilqa' t-tmien talba attrici.
8. Tilqa' d-disa' talba attrici skond kif imfisser iktar 'l fuq u skond kif mitlub mill-attur.
9. Tilqa' l-ghaxar talba attrici.
10. Tilqa' l-hdax-il talba attrici skond kif imfisser iktar 'l fuq.
11. Tilqa' t-tnax-il talba attrici.
12. Tilqa' t-tlettax-il talba.
13. Tilqa' l-erbatax-il talba attrici.
14. Tilqa' l-hmistax-il talba.

**L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.**

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**